# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 10-13

**Data: 12 ta' Settembru** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera - skuzata

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti gew approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Kunsillier Vincent Bongailas.

2. **Punti Mqajjma mill-Minuti.**

2.a Dwar punt nru 2.3 mill-minuti precedenti – Il-Kunsill issa ghandu il-qisien tal-parking bays skond ir-regolamenti ta' Transport Malta. Ix-xoghol jista jinbeda.

2.b Dwar punt nru 2.6 mill-minuti precedenti – Ix-xoghol fuq il-konka tas-sigra taz-zebbuga ta' Triq l-Isptar Navali tlesta u ghandha ssir xibka li tghatti l-hamrija sabiex jigi evitat li l-hamrija tithammeg bil-hmieg tal-qtates.

2.c Dwar ix-xiri ta' fanali li ghandhom jehlu mal-faccata tar-residenzi ingiebu l-quotations. Dawn ser jiswew 576 Ewro. Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn il-fanali.

2.d Dwar punt numru 2.7 mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li il-laqgha mac-Chairman tal MCST saret u l-Kunsill ghandu jibda l-process sabiex jitnehhew l-affarijiet mill-bini taghhom sabiex ikun jista jibda l-process.

2.e Dwar il-punt numru 2.8 mill-minuti precedenti intbghatet l-ittra lill-Kuntrattur tal-gbir tal-iskart, fejn gie innotifikat sabiex jahsel l-iskips. Il-Kunsillier Vince Bongailas talab sabiex issir laqgha mal-Green MT u l-Green Pak sabiex naraw x'inizjattivi dawn joffru sabiex ingibu konxju aktar lir-residenti fejn tidhol l-indafa.

2.f Dwar il-bring in site iz-zghira ta' Pjazza Sagra Familja is-Sindku qalet li mhuwiex possibli li dawn jitbattlu aktar spiss, ghalhekk is-soluzzjoni hi li dawn il-bins jikbru ftit fid-daqs. Importanti li dawn ma jkunux kbar hafna minhabba li l-post ma jippermettix.

2.g Dwar il-punt 2.9 mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas, is-Sindku qalet li ix-xoghol fl-area tal-"bebbuxu" ta' Bighi, qieghed fi stadju avvanzat u wasal biex jinxtghel.

2.h Dwar il-punt 3.1a mill-minuti precedenti dwar ix-xoghol fuq il-bankina ta' wara l-istatwa ta' San Guzepp fi Pjazza Arcisqof Gonzi is-Sindku qalet li dan ix-xoghol issa tlesta.

2.i Dwar punt 3.1b, mill-minuti precedenti is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-pompa tal-funtana tal-Pjazza Arcisqof Gonzi, inxtrat u qieghda tahdem.

2.j Dwar punt 3.1c, mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li dwar it-talba sabiex issir lapida fuq il-post fejn mietet il-mara li ntlaqtet bit-truck fi Triq Rinella. Hija qalet li peress dawn il-lapidi mhumiex permessibli li jsiru aktar ghandha tigi avvicinata il-persuna li ghamlet it-talba u tigi nfurmata bid-decizjoni.

2.k Dwar punt 4.1a mill-minuti precedenti is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li sar rapport lill-Air Pollution tal-MEPA dwar l-arja u l-bahar imnigges.

2.l Dwar punt 4.2b mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li ta sikwiet tingibed l-attenzjoni tal-Ispettur tad-Distrett dwar l-importanza li l-ghassa tal-Kalkara tinzamm miftuha.

2.m Dwar punt 4.2d mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li l-pots ta' tarag San Guzepp ghandhom jitrangaw u jimtlew bil-fjuri fiz-zmien li gej.

2.n Dwar punt 4.2g mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar nuqqas ta' bins fl-area tal-bandli is-Sindku ressqet disinn ta' bin li sar minn haddiem assenjat mal-Kunsill taghna bl-injam riciklat. Gie issuggerit mill-Kunsilliera Maria Sultana li ssir kompetizzjoni ghat-tfal fl-okkazjoni tal-Car Free Day. Jintghazlu l-isbah tpengijiet u jsiru stickers fejn wara jehlu mal-bins imsemmija.

2.o Dwar punt 4.3c mill-minuti precedenti imressaq mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar ir-restawr fuq il-monument tas-salib fit-traffic island ta' Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll fuq il-lapida li hemm fl-isqaq Marina Nru 2. Is-Sindku qalet li ser tintbghat il-korrispondenza fiz-zmien li gej.

2.p Dwar punt 6 mill-minuti precedenti dwar it-talba mis-Sur Michael Sciberras sabiex titwessa l-bankina ta' taht il-mina , is-Sindku qalet li din it-talba tressqet ghall-attenzjoni ta' Transport Malta.

3. **<u>Komunikat mis-Sindku</u>**

Il-Kunsill kellu talba mal-Fondazzjoni Genista sabiex issir applikazzjoni kungunta ghall-fondi fuq progett ghall-Heritage trail. Is-Sindku pproponiet sabiex is-Sur Mark Causon ikun persuna li f'kazijiet li jkun hemm xi skemi ghall-fondi jinforma lill-Kunsill. Il-Kunsillier Paul Bongailas qal li tajjeb li niltaqghu mas-Sur Causon sabiex niddiskutu certi progetti li l-Kunsill jista jkun interessat li jaghmel bl-ghajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

4. **<u>Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri</u>**

4.1 <u>Il-Vici Sindku Chris Bruno ma kellux punti u lmenti ghad-diskussjoni.</u>

4.2 <u>Il-Kunsillier Paul Bongailas qajjem dawn il-punti u lmenti</u>:

a. Issuggerixxa li tohrog il-Bolard li hemm fejn iz-zebra cross tax-Xatt tohrog il-barra minhabba li qed jipparkjaw il-karozzi fid-dahla. Il-Kunsill iddecieda wara dikussjoni li ghalissa il-bolard tibqa fejn qieghda minhabba li jekk din tersaq il-barra se tinholoq problema ghal meta jigu biex jitbattlu l-iskips.

b. Informa lill-Kunsill li ser jibda kors iehor tal-ECDL.

c. Jigi verifikat ghala il-website tal-Kunsill m'hijiex "updated"

4.3 <u>Il-Kunsillier Vince Bongailas qajjem dawn il-punti u lmenti:</u>

a. Staqsa jekk ikunx jista juza l-ufficju tal-Kunsill Lokali sabiex jinghataw xi lezzjonijiet tal-muzika. Is-Sindku issuggerietlu wkoll sabiex ikellem lill-Kappillan u jara jistax juza is-sala tac-centru parrokjali.

5. **<u>Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti</u>**

Il-lista ta' Pagamenti se tigi approvata fis-seduta li jmiss.

6. **<u>Korrispondenza</u>**

6.1 Ittra minghand is-Sinjura Tessie Bruno minhabba problema bil-parkegg quddiem ir-residenza taghha peress li meta taghmel ix-xita jidhilha l-ilma gewwa meta jkun hemm il-karozzi pparkjati. Il-Kunsill iddiskuta u ghandha ssir verifika mal-kuntrattur dwar x'soluzzjoni tista tinstab. Il-Kunsll iddiskuta l-possibilita li jsiru

culverts aktar il-quddiem meta tinqala t-triq.

6.2 Ittra mingand is-Sur Angelo Delia sabiex issir bankina qudiemil-garaxx tieghu. Huwa ghadda l-proposta tieghu bil-pjanti u qal li lest li jghamel tajjeb ghall-ispejjez hu. Il-Kunsill iddecieda li din tigi kkunsidrata fis-seduta li jmiss.

6.3 Il-Kunsill ircieva talba mill-Gwardjan tal-Kunvent tal-Patrijiet tal-Kapuccini sabiex il-Kunsill jghin billi jnaddaf il-pjazzetta taghhom peress li qed toqrob il-festa li tigi ccelebrata fil-knisja taghhom. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba.

Il-Klabb tat-Tennis talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jinzebhu 4 parking bays quddiem il-grada tal-Klabb taghhom. Il-Kunsill qabel li peress li l-art hija tal-Klabb dawn jistghu isiru mill-Kunsill Lokali peress li m'hemmx bzonn l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Klabb talab ukoll sabiex isiru xi directional signs fit-traffic islands li juru id-direzzjoni ghall-Klabb tat-Tennis ghal dawn in-nies li gejjin minn barra l-lokal. Il-Kunsill qabel li dawn jistghu isiru imma jkun il-Klabb li jiehu hsieb li jghamilhom imma qabel jigi kkonfermat jekk hemmx il-htiega tal-permess minn Transport Malta.

## 7. Jum il-Kalkara

Gie diskuss sabiex Jum il-Premjazzjoni isir jew nhar it-Tlieta 10 ta' Dicembru jew it-Tnejn 16 ta' Dicembru 2013 skond id-disponibbilta tas-sala tal-Iskola Primarja. Jerga jsir l-appell lill-iggradwati u fis-seduta li jmiss jigu diskussi l-ismijiet ta' dawk li ser jigu ppremjati.

Il-Quddiesa u l-Kuncert ser isiru is-Sibt 14 ta' Dicembru 2013 fis-6.00pm u s-7.00pm rispettivament.

Is-Sindku pproponiet li ssir bidla tigi avvicinata is-Sinjura Josette Deguara sabiex tipprezenta is-serata tal-Kuncert u tigi avvicinata wkoll is-Sinjura Sharon Debarro sabiex tipprezenta is-serata ta' Jum il-Premjazzjoni.

## 8. Rapport ta' Hidma

Gie diskuss ir-rapport ta' Hidma li ser jigi prezentat fil-Laqgha Pubblika.

## 9. Tnehhija ta' ammont ta' Skips

Il-Kunsill iddecieda li jitnehhew l-iskips tat-toroq, 1 Triq Luigi Pisani, 1 Triq Melchiorre De Robles, 1 Triq Rinella, 1 Triq il-Kapuccini. Ghandu jitnehha l-hadid ta' mad-dawra ta' dawn l-iskips. Mit-Tlieta l-1 ta' Ottubru 2013 ser tieqaf il-gabra tal-borza is-sewda nhar ta' Tlieta sabiex tingabar il-borza l-hadra biss. Gie deciz ukoll li jintbghatu l-gwardjani sabiex jaghtu l-avvizi lil dawk li jinqabdu jarmu barra.

10. **Aggornament**

Is-seduta ntemmet fit-20.30 ta' filghaxija u l-Kunsill aggorna ghall-Hamis 17 ta' Ottubru 2013 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |